



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0319

Liċenzjar obbligatorju għall-immaniġġjar tal-kriżijiet

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-immaniġġjar tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 816/2006 (10498/2/2025 - C10-0281/2025 - 2023/0129(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (10498/2/2025 - C10-0281/2025),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023¹,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0224),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0246/2025).

¹ ĠU C, C/2023/865, 8.12.2023,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/865/oj>.

² ĠU C, C/2025/1031, 27.2.2025,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1031/oj>.

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni rigward ir-Regolament (KE) Nru 816/2006 fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/2645 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 816/2006

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-Regolament (KE) Nru 816/2006, f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament.